# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin**

**Lezzjoni 3.2: Nistmak għax hekk jixraqlek**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li kull persuna jixirqilha rispett.
2. Janalizzaw l-importanza li għandhom in-nies ta' madwarhom minħabba r-rwoli tagħhom.
3. Jiddiskrivu r-rispett li għandu jkollhom lejn in-nies fl-awtorita'.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Interactive Whiteboard: Kelma "Awtorità"

- IWB: Sorting tan-nies fl-awtorità – knisja, skola, stat, dar (qassis u Papa, kap u għalliema, president u pulizija, ġenituri u nanniet)

- Diska: Respect

http://www.youtube.com/watch?v=L-4ur3tfwLU



- Karta ta' Taħriġ 3.2

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri l-kelma "Awtorita'" minn fuq l-IWB u stieden lill-istudenti jiktbu xi jħossu meta jaraw din il-kelma 'Awtorità'.

  (eż. Dwejjaq, biża', ordni, kunfidenza,

  Kastig, gwida, għajnuna.)

- Uri l-attività tas-"Sorting" minn fuq IWB u t-tfal joħorġu u jikklassifikaw il-persuni murija skond it-titli abbinati magħhom.

- Stieden lill-istudenti jiddiskrivu ma' kull persuna r-RWOLI li dawn għandhom fis-soċjetà.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Spjega kif persuni fl-awtorità qegħdin hemm għall-ġid tas-soċjetà. Meta ma jkunx hekk, fis-soċjetà jkollna d-diżgwid u l-ġlied. Hawnhekk semmi eżempju attwali li jkun għaddej, biex turi li meta persuna f'awtorità ma tkunx qed tagħmel ix-xogħol tagħha sew tkun ta' theddida għas-soċjetà kollha.

- Semmi lil Ġesù li bħala persuna fl-awtorità dejjem għen, irrispetta u ta lil kull persuna dak li kien tagħha. (Fakkar fl-episodju ta' Ġesù mat-tfal)

Mela bħal Ġesù aħna rridu nuru rispett lejn kull persuna, speċjalment lejn dawk li huma qrib tagħna anke jekk dawn ma jogħġbuniex.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 3.2. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi l-istudenti jiddiskutu u jimlew Attività A.
- Aqra s-silta mill-Vanġelu ta' San Mattew 15: 21-28.
- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B u wara ara li kulħadd ikun niżżel ir-risposti t-tajbin.
- Risposti: a) biex aktar jippremjaha......b) b'fidi, c) le, d) il-ġriewi, e) ikunlek.....
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li meta nonqsu lil xi ħadd m'għandniex inħallu kollox għaddej imma għandna nitolbu skuża.
- Agħlaq il-lezzjoni bid-diska relatata mar-rispett.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Persuni fl-awtorità qegħdin hemm għall-ġid tas-soċjetà.
2. Il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebhom, fost l-oħrajn, huma għandhom awtorità.
3. Fejn m'hemmx awtorità, jew l-awtorità hija ħażina, hemm it-taħwid u l-ġlied.



## Nagħżlu flimkien (Attitude)

Meta nonqsu lil xi ħadd m’għandniex inħallu

kollox għaddej imma għandna nitolbu skuża.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Diska: Respect

http://www.youtube.com/watch?v=L-4ur3tfwLU



## Nitolbu

Mulej Ġesù, għinna biex ma nkunux suppervi u meta

nonqsu lil xi ħadd nitolbuh skuża.

